# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR MICHAEL MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 28 ta' Mejju 2001**

**Numru 5**

**Avviz. numru 829/99mm**

**Gasan Insurance Agency Limited, bhala agenti u mandatarji tas-socjeta' estera General Accident Fire and Life Assurance Corporation plc, ta' Perth, Scotland u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Gasan Enterprises Limited skond il-Ligi u skond il-polza ta' assigurazzjoni (Claim:989047) u b'nota tat-30 ta' Novembru 1999 ta' GasanMamo Insurance Agency Ltd bhala agent u mandatarja tas-socjeta' estera CGU Assurance plc ta' Perth, Scotland assumiet l-Atti tal-kawza minflok Gasan Insurance Agency Ltd nomine stante mergers lokali u esteri**

**vs**

**The Cargo Handling Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fit-3 ta' Gunju 1999 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas is-somma ta' Lm309 rappresentanti nuqqasijiet minn karozza *Jaguar* li waslet Malta fit-tmintax ta' Gunju 1998 fuq il-vapur Spes, ghal liema nuqqasijiet, il-konvenut huwa unikament responsabbli.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data rappresentata ta' dana l-avviz, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:-

1. Illi s-socjeta' konvenuta m'hijiex responsabbli ghan-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici stante li hija qdiet l-obbligi kollha mposti fuqha mill-ligi;

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont ta' danni dedott fic-citazzjoni attrici huwa eccessiv u ghaldaqstant ghadu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont;

3. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, it-talbiet attrici, l-kwantu diretti kontra s-socjeta' konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu rispinti bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba tas-socjeta' attrici ghar-rifuzzjoni ta' tlett mija u disa liri (Lm309) rappresentanti valur ta' *GSM Telephone Kit* li gie nieqes mill-karozza *Jaguar* li kienet impurtat is-socjeta' attrici liema nuqqasijiet saru meta din il-vettura kienet fil-pussess tas-socjeta' konvenuta.

Irrizulta mill-provi illi din il-vettura *Jaguar* waslet Malta abbord il-vapur Spes fit-18 ta' Gunju 1998. Fost l-apparat illi kellha din il-karozza kien hemm *GSM Telephone Kit* illi nstab nieqes mill-importatur meta ha konsenja tal-karozza. Skond it-*tally sheet* illi hemm esibit f'dawn l-atti meta din il-karozza giet sbarkata minn fuq il-vapur ma jidhirx illi kellha xi nuqqasijiet. Dan id-dokument hu fil-fatt minghajr rimarki. Meta l-vettura giet rilaxxata mill-pussess tas-socjeta' konvenuta nstab li kien hemm dan it-*telephone kit* nieqes, oltre xi hsarat ohra dovuti ghal hmieg tal-hamiem.

Skond il-*gate pass out* a fol 20 tal-process irrizulta illi dan il-kit huwa nieqes. Ghal dak li jirrigwarda l-hsarat dovuti mill-hmieg tal-hamiem is-socjeta' attrici mhi qed taghmel l-ebda talba.

Dana jidher kemm fl-avviz, kif ukoll fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha. Dakinhar stess illi giet rilaxxata din il-vettura u cioe' fit-23 ta' Gunju 1998 sar survey minn Aldo Abela fid-*deep water quay f*ejn allura kienet ghada fil-pussess tas-socjeta' konvenuta. Dan is-survey jinsab esibit a fol 37 u 38 tal-process.

Aldo Abela jghid illi meta spezzjona din il-karozza sab illi kien hemm il-*connections* tal-*mobile phone* izda l-*mobile phone* proprio kien nieqes. Ghalhekk is-socjeta' attrici kellha taghmel talba ghar-*replacement* ta' dan il-*mobile phone* li gie jiswa l-ammont ta' tlett mija u disgha liri (Lm309). Din il-Qorti taqbel ma' l-argumenti migjuba mis-socjeta' attrici fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha ghal dak li jirrigwarda l-klawsola ta' esoneru u a skans ta' ripetizzjoni taghmel piena referenza ghal din in-nota. Ghal dik li hija responsabbilta' l-aktar zewg dokumenti mportanti huma t-*tally sheet* u l-*gate pass out*. It-*tally* jigi ffirmat minn ricevitur waqt li l-merkanzija tkun qed tigi sbarkata minn fuq il-vapur.

Skond kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Novembru 1978 fl-ismijiet <u>Avukat Dr Guiseppe Gatt noe vs Paul Mifsud</u> intqal li r-responsabbilta' ghall-merkanzija tal-*landing company* tghaddi mill-bastiment ghal min jirceviha jekk jigi ppruvat sodisfacentement li mhux biss il-merkanzija giet *tallied* fl-istiva izda wkoll il-merkanzija giet sbarkata fl-art jew fuq il-barkun. F'dan il-kaz skond il-*joint tally* illi gie esibit a fol 39 tal-process ma rrizulta l-ebda kumment fuq din il-vettura partikolari u

ghalhekk il-Qorti trid tehodha illi din il-vettura giet sbarkata Malta fil-pussess tas-socjeta' konvenuta minghajr nuqqasijiet ta' xejn.

Id-dokument l-iehor, l-*gate pass out* li kopja tieghu hemm esibit a fol 20 tal-process huwa d-dokument illi bih ir-responsabbilta' tghaddi mis-socjeta' konvenuta ghall-importatur (ara Joseph Felice et noe vs Godwin Abela et noe Kummerc 13 ta' April 1989). Skond dan id-dokument irrizulta li din il-karozza giet rilaxxata fir-responsabbilta ta' l-importatur bil-*telephone kit* nieqes. Ma hemmx dubbju quindi li ghal dan in-nuqqas ghandha twiegeb is-socjeta' konvenuta.

Ghal dak illi huwa l-quantum jidher illi t-talba tas-socjeta' attrici hija wkoll gustifikata. Veru illi c-cifra ta' tlett mija u disgha liri (Lm309) tidher pjuttost gholja ghal dan il-*mobile phone* pero' meta tqis il-*freight*, l-*insurance*, *landing charges*, dazju u *vat*, malajr jitilghu l-kontijiet biex tasal ghal din ic-cifra li qed titlob is-socjeta' attrici. Il-Qorti hija sodisfatta illi s-socjeta' attrici qed titlob biss dan l-ammont ghal *replacement* ghal dan l-*GSM Telephone Kit* illi gie nieqes waqt li l-vettura kienet fil-pussess u responsabbilta esklussiva tas-socjeta' konvenuta.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallasha s-somma ta' Lm309 rappresentanti nuqqasijiet minn karozza *Jaguar* li waslet Malta fit-tmintax ta' Gunju 1998 fuq il-vapur Spes, ghal liema nuqqasijiet, is-socjeta' konvenuta hija unikament responsabbli.

Bl-ispejjez u interessi legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit
Dep Reg